OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-4991**

16 ta' Settembru 2024

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-resumé tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mill-Professur James Joachim Calleja.


*Resumé*

Il-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija kienet, sa ftit jiem ilu, Prinċipal u CEO tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST). Minkejja li hu kien fuq kuntratt għal żmien definit, huwa ġie infurmat f'Mejju ta' din is-sena li l-kuntratt tiegħu kien ser jiġi terminat għax l-awtoritajiet ma kinux ser iġeddulu l-permess biex ikompli jaħdem oltre l-età ta' sebgħa u sittin sena. L-imsemmi Professur Calleja ilmenta kontra l-inġustizzja u l-illegalità ta' din id-deċiżjoni.

Wara eżami akkurat tal-fatti u ċirkostanzi kollha kif imqegħda quddiemu mill-partijiet, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ikkonkluda li t-tkeċċija tal-persuna li ilmentat kienet tippekka taħt diversi aspetti tal-Artikolu 22(1)(2) tal-Att dwar l-Ombudsman, u dan kif spjegat fir-Rapport Finali

tas-27 ta' Awwissu 2024. Huwa irrakkomanda li t-tkeċċija li kellha tiġi fis-seħħ wara l-aħħar jum ta' Awwissu ma tiġix attwata mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni.

B'ittra datata 2 ta' Settembru 2024, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni informa lill-Uffiċċju tal-Ombudsman li r-rakkomandazzjoni ma kinitx ser tintlaqa' għar-raġunijiet imsemmija f'dik l-ittra. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni wieġeb b'ittra datata 9 ta' Settembru 2024.

L-Ombudsman u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni kitbu lill-Onoreveli Prim Ministru fit termini u għall-fini tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) fid-9 ta' Settembru 2024.

Billi sal-lum baqa' kollox kif kien fl-1 ta' Settembru 2024, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon | Vincent A De Gaetano |
| Ombudsman | Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Opinjoni Finali – 27 ta' Awwissu 2024
Ittra tas-Segretarju Permanenti, MEYR – 2 ta' Settembru 2024
Risposta tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni – 9 ta' Settembru 2024
Ittra lill-Onorevoli Prim Ministru – 9 ta' Settembru 2024